EUROPEAN CENTRE FOR DISEASE PREVENTION AND CONTROL



ECDC **CORPORATE**

# Sommarju tal-pubblikazzjonijiet prinċipali

2008

www.ecdc.europa.eu

ECDC **CORPORATE**

# Sommarju tal-pubblikazzjonijiet ewlenin 2008

EUROPEAN CENTRE FOR DISEASE PREVENTION AND CONTROL

Stokkolma, Ġunju 2009.

© Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, 2009

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kundizzjoni li jiġi rikonoxxut is-sors.

Traduzzjoni mill-oriġinal "Summary of key publications 2008". Filwaqt li sar kull tentattiv sabiex tkun żgurata l-preċiżjoni ta' din it-traduzzjoni, fil-każ ta' xi diskrepanza, il-verżjoni Ingliża hija dik uffiċjali.

# Werrej

Introduzzjoni ........ 1
Rapport tekniku ........ 2
1. Eżami tal-attivitajiet għall-kontroll tal-klamidja fil-pajjiżi tal-UE ........ 2
Gwida tal-ECDC ........ 4
2. Gwida għall-introduzzjoni ta’ tilqim għal kontra l-HPV fil-pajjiżi tal-UE ........ 4
3. Gruppi ta’ prijorità li qegħdin f’riskju għat-tilqim kontra l-influwenza ........ 6
Rapporti ta’ sorveljanza ........ 8
4. Rapport epidemjoloġiku annwali dwar mard li jittieħed fl-Ewropa 2008 – Rapport dwar l-istat tal-mard li jittieħed fl-UE u fil-pajjiżi taż-ŻEE/EFTA ........ 8
5. Sorveljanza tal-HIV/AIDS fl-Ewropa ........ 11
Rapporti speċjali ........ 13
6. Qafas ta’ Pjan ta’ Azzjoni għall-ġlieda kontra t-tuberkulożi fl-Unjoni Ewropea ........ 13
7. Sorveljanza tal-mard li jittieħed fl-Unjoni Ewropea, strateġija fuq perjodu fit-tul: 2008-2013 ........ 14
Rapporti dwar laqgħat ........ 17
8. Mard infettiv u determinanti soċjali ........ 17
9. Workshop dwar it-tibdil fil-klima u l-mard infettiv ........ 18
Anness: Pubblikazzjonijiet tal-ECDC fl-2008 ........ 20

# Introduzzjoni

Fl-2008, iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) ippubblika total ta' 21 dokument xjentifiku. L-aktar importanti jinkludu Qafas ta' *Pjan ta' Azzjoni biex tiġi miġġielda t-tuberkulożi fl-Unjoni Ewropea*, gwida dwar l-għażliet politiċi sabiex tiddaħħal it-tilqima kontra l-papillomavirus uman (HPV) u ż-żewġ rapporti ta' sorveljanza: *Rapport epidemjoloġiku annwali dwar il-mard li jittieħed fl-Ewropa 2008* u *Is-Sorveljanza tal-HIV/AIDS fl-Ewropa – 2007*. L-aħħar rapport ġie prodott għall-ewwel darba flimkien mal-Uffiċċju Reġjonali għall-Ewropa tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO EURO) u jkopri s-sitwazzjoni fil-pajjiżi tal-UE u taż-ŻEE, kif ukoll dik fit-23 pajjiż ieħor tar-reġjun tal-WHO EURO.

Ġew kompilati sommarji ta' dokumenti magħżula tal-ECDC, bħal dawk imsemmija hawn fuq, sabiex ikunu disponibbli għal min ifassal il-politika fil-lingwi kollha tal-UE. Dawn jirriflettu l-ispirtu tal-pubblikazzjonijiet oriġinali, iżda xi dettalji importanti jista' jkun li ntilfu fil-proċess tat-tqassir. Dawk il-qarrejja li jixtiequ jkollhom stampa aktar dettaljata għandhom jikkonsultaw it-test sħiħ tad-dokumenti, li huwa disponibbli *online* fuq: http://ecdc.europa.eu/en/Publications

Lista tal-pubblikazzjonijiet kollha tal-ECDC fl-2008 tinsab fl-Anness. Kollha huma disponibbli fil-format elettroniku mil-*link* ta' hawn fuq, b'deskrizzjoni qasira tal-kontenut rispettiv. Xi rapporti magħżula huma disponibbli wkoll fl-istampa. Biex tirċievi xi wieħed minnhom f'kopja stampata, jekk jogħġbok ibgħat email lil publications@ecdc.europa.eu

# Rapport tekniku

## 1. Eżami tal-attivitajiet għall-kontroll tal-klamidja fil-pajjiżi tal-UE

(Ippubblikat f'Mejju 2008)

Dan ir-rapport jiddeskrivi l-ambitu u s-sejbiet tal-proġett imsejjaħ *Screening for Chlamydia Review in Europe* (SCRen), li forsi huwa l-akbar studju li sar sal-lum dwar l-attivitajiet għall-kontroll tal-klamidja fl-UE. Il-proġett twettaq bejn Novembru 2006 u Awwissu 2007, u ġabar dejta mill-Istati Membri tal-UE, mill-pajjiżi kandidati tal-UE, mill-istati membri tal-EFTA, u mill-Istati Uniti.

Permezz ta' stħarriġ bi kwestjonarju postali tal-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati kollha tal-UE u żjarat dettaljati fil-pajjiż lil uffiċjali tas-saħħa pubblika u fornituri tal-kura tas-saħħa fi Stati Membri magħżula, SCREen ġabar informazzjoni dettaljata dwar id-dijanjożi tal-klamidja, l-iskrining tal-klamidja, il-ġestjoni tal-każijiet, l-istudji dwar il-prevalenza tal-klamidja, u firxa kbira ta' suġġetti relatati marbuta mas-saħħa pubblika. Il-proġett joffri approfondimenti dwar l-istrateġiji li s-sistemi adottati mis-sistemi nazzjonali tas-saħħa pubblika sabiex iwaqqfu l-mewġa ta' infezzjonijiet tal-klamidja.

L-għan ġenerali ta' dan il-proġett kien li janalizza l-programmi u l-attivitajiet għall-kontroll tal-klamidja fl-Istati Membri u jagħmel rakkomandazzjonijiet sabiex jitjiebu l-prevenzjoni u l-kontroll tal-klamidja fir-reġjun. Objettivi speċifiċi kienu li:

- tinġabar informazzjoni sistematika dwar l-attivitajiet tas-saħħa pubblika marbuta mal-kontroll tal-*C. trachomatis* fl-Istati Membri u fil-pajjiżi kandidati tal-UE, fil-pajjiżi Ewropej ġirien, u fl-Istati Uniti;
- tinġabar informazzjoni mill-istess pajjiżi dwar l-indikaturi demografiċi u ekonomiċi, dwar is-sistemi tas-saħħa, il-prevalenza tal-klamidja u l-istħarriġ dwar l-imġieba sesswali;
- tinħoloq *database* elettronika bħala depożitu għad-dejta;
- tinġabar informazzjoni dettaljata dwar attivitajiet għall-kontroll tal-klamidja minn Stat Membri Ewropej magħżula; u
- isiru rakkomandazzjonijiet lill-ECDC għal azzjoni dwar is-saħħa pubblika u għal iżjed riċerka.

Fuq 34 pajjiż magħżul, kien hemm tweġibiet minn 29 pajjiż Ewropew u mill-Istati Uniti (rata ta' rispons globali ta' 88%). Ma daħlet ebda informazzjoni minn Ċipru, mis-Slovakkja, mill-Polonja u mill-Kroazja. Fost l-aktar sejbiet importanti tal-istħarriġ kien hemm:

- 17 minn 29 pajjiż Ewropew parteċipant kellhom mill-anqas linja gwida waħda għall-prattika klinika ppubblikata rakkomandata minn organu nazzjonali li kienet tittratta xi aspetti rigward il-ġestjoni tal-każijiet ta' persuni infettati bil-klamidja. Tliet Stati Membri tal-UE (il-Bulgarija, il-Greċja u l-Finlandja) kienu fil-proċess li jippubblikaw jew jiżviluppaw linji gwida.
- It-testijiet għall-klamidja kienu disponibbli fi prattiċi jew kliniċi ġinekoloġiċi fil-pajjiżi kollha parteċipanti. Fi 23 pajjiż dan kien parti mill-kura primarja. F'ħames pajjiżi, il-testijiet għall-klamidja kienu disponibbli fi spiżeriji jew minn postijiet oħra li jbiegħu mediċini mingħajr riċetta.
- Fejn kienet garantita l-komunikazzjoni lis-sieħeb/sieħba, din ġiet irrappurtata li tinbeda l-aktar ta' sikwit mill-professjonisti nfushom jew b'referenza għal klinika speċjalizzata.
- Testijiet tal-amplifikazzjoni tal-aċidu nuklejku kienu disponibbli sa ċertu punt fil-pajjiżi kollha ħlief wieħed. F'disa' pajjiżi, inqas minn 50% tal-kampjuni kienu ttestjati permezz ta' testijiet tal-amplifikazzjoni tal-aċidu nuklejku.
- Il-maġġoranza tal-pajjiżi kellhom sistema sabiex jirrappurtaw l-infezzjonijiet dijanjostikati tal-klamidja lill-awtoritajiet tas-saħħa pubblika, iżda madwar terz ma kinux jippubblikaw din id-dejta b'mod regolari.
- Fi 13-il pajjiż, hija disponibbli dejta regolari dwar kundizzjonijiet kliniċi li jistgħu jiġu kkawżati mill-klamidja.
- Twettqu sondaġġi fi tmien pajjiżi dwar l-imġiba sesswali u l-prevalenza tal-klamidja u saru sondaġġi f'seba' pajjiżi dwar il-prevalenza tal-klamidja fil-popolazzjoni.

Sabiex jikklassifika l-pajjiżi, il-proġett SCREen żviluppa wkoll tipoloġija ta' attivitajiet għall-kontroll tal-klamidja, ibbażata fuq il-prinċipji tal-kontroll ta' infezzjonijiet sesswalment trasmessi. Il-kategoriji ta' attivitajiet għall-kontroll tal-klamidja kienu: ebda attività organizzata (13-il pajjiż: il-Bulgarija, il-Finlandja, il-Greċja, l-Irlanda, il-Liechtenstein, il-Lussemburgu, Malta, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvizzera u t-Turkija); ġestjoni tal-każijiet (ħames pajjiżi: l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Italja u l-Litwanja); aċċertament tal-każijiet (tliet pajjiżi: il-Belġju, Franza u l-Ungerija); ittestjar opportunistiku (sitt pajjiżi: id-Danimarka, l-Estonja, l-Iżlanda, il-Latvja, in-Norveġja u l-Iżvezja); skrining organizzat (żewġ pajjiżi: l-Olanda u r-Renju Unit (l-Ingilterra biss)).

Ir-riżultati wrew li kien hemm żewġ pajjiżi Ewropej bi programm ta' skrining kontinwu (Ingilterra, Renju Unit, opportunistiku) jew pilota (l-Olanda, proattiv) għall-klamidja. Disa' pajjiżi oħra ddikjaraw pjanijiet sabiex jintroduċu programm ta' skrining b'organizzazzjoni opportunistika, proattiva, jew mhux deċiża. Ħamsa minn dawn il-pajjiżi kienu fost dawk li attwalment ma kellhom l-ebda linja gwida għall-ġestjoni tal-każijiet għall-klamidja. Barra minn hekk, l-iskrining tal-klamidja limitat għal nisa tqal huwa prattikat fl-Estonja u fil-Latvja, u f'żewġ reġjuni tad-Danimarka jintbagħtu kull sena bil-posta stediniet għal skrining tal-klamidja lil persuni bejn 18 u 19-il sena jew 21-22 sena.

Din it-tipoloġija żviluppata mill-proġett SCREen tista' tintuża fil-ġejjieni sabiex tiġi mmonitorjata l-intensità tal-attivitajiet għall-kontroll tal-klamidja fil-livell tal-pajjiż u sabiex tassisti t-teħid tad-deċiżjonijiet dwar liema attivitajiet għandhom jissaħħew jew jiddaħħlu.

# Gwida tal-ECDC

## 2. Gwida għall-introduzzjoni ta' tilqim għal kontra l-HPV fil-pajjiżi tal-UE

(Ippubblikata f'Jannar 2008)

Dan id-dokument jistabbilixxi l-bażi xjentifika għall-introduzzjoni ta' vaċċini kontra l-papillomavirus uman (HPV) biex jgħin lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (UE) jagħmlu l-għażliet politiċi. Huwa jenfasizza l-kwistjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati u jipprovdi lista ta' għażliet politiċi għal kull waħda minn dawn il-kwistjonijiet.

Din il-gwida ġiet żviluppata minn Grupp ta' Esperti Xjentifiċi, imwaqqaf u kkoordinat mill-ECCD, u eżaminata mill-Forum Konsultattiv tal-ECDC.

### *Il-kanċer ċervikali u infezzjonijiet tal-papillomavirus fil-bniedem fl-Unjoni Ewropea*

Fl-Unjoni Ewropea (UE), il-kanċer ċervikali huwa t-tieni tip ta' kanċer l-iktar komuni wara dak tas-sider li jaffettwa lil nisa li għandhom bejn il-15–44 sena. Ta' kull sena, ikun hemm madwar 33 000 każ ta' kanċer ċervikali fl-UE, bi 15 000 każ ta' mewt. Il-kawża primarja tal-kanċer ċervikali hija minn infezzjoni persistenti fil-passaġġ ġenitali minħabba tip ta' papillomavirus fil-bniedem (HPV) ta' riskju għoli.

Infezzjonijiet ġenitali tal-HPV huma komuni ħafna u jittieħdu malajr minħabba attività sesswali. Ħafna minn dawn l-infezzjonijiet jitfejqu spontanjament. Madankollu, infezzjonijiet persistenti ta' HPV minħabba tip ta' HPV ta' riskju għoli jistgħu jikkawżaw bidliet ċellulari fl-għonq tal-utru li jistgħu jwasslu għal kanċer ċervikali. It-tip ta' HPV ta' riskju għoli huwa assoċjat ukoll ma' tipi oħrajn ta' kanċer anoġenitali, u ma' kanċer fir-ras u fl-għonq kemm fl-irġiel kif ukoll fin-nisa. Ċerti tipi ta' HPV ta' riskju baxx jikkawżaw felul ġenitali kemm fl-irġiel kif ukoll fin-nisa.

### *It-tilqima kontra l-papillomavirus fil-bniedem*

Żewġ tilqimiet profilattiċi ta' HPV ġew liċenzjati fl-Ewropa: it-tilqima kwadrivalenti, Gardasil® (Sanofi Pasteur MSD) u t-tilqima bivalenti, Cervarix® (GlaxoSmithKline Biologicals). Iż-żewġ tilqimiet huma magħmulin minn partiċelli simili għal vajrus u mhumiex infettivi. Iż-żewġ tilqimiet għandhom profil ta' sigurtà tajba. Iż-żewġ tilqimiet joffru protezzjoni kontra t-tipi ta' HPV ta' riskju għoli 16 u 18, li huma responsabbli għal madwar 73% tal-każijiet ta' kanċer ċervikali fl-Ewropa. Gardasil jipproteġi wkoll kontra l-HPV 6 u 11, li jikkawżaw ħafna każijiet ta' felul ġenitali. Fil-provi estensivi tal-fażi III, iż-żewġ tilqimiet żvelaw li dawn jipprevjenu iktar minn 90% ta' feriti prekarċinoġeni assoċjati mat-tipi 16 jew 18 fost in-nisa suxxettibbli għall-HPV. It-tilqimiet jingħataw fi tliet dożi f'perjodu ta' sitt xhur.

### *It-tilqimiet għal kontra l-HPV u l-iskrinjar tal-kanċer ċervikali*

Programmi ta' skrinjar għall-kanċer ċervikali organizzati tajjeb li jiksbu kopertura għolja u jinkludu *follow-up* effettiv u t-trattament tan-nisa bi ċitoloġija mhux normali urew li dawn inaqqsu l-kanċer ċervikali b'iktar minn 80%. Programmi organizzati ta' skrinjar ikollhom aktar suċċess minn skrinjar opportunistiku fl-ilħuq ta' nisa li huma l-aktar f'riskju, fl-istabbiliment ta' mekkaniżmi għall-kontroll tal-kwalità, u fil-monitoraġġ ta' miżuri standardizzati ta' attività u impatt.

It-tilqima għal kontra l-HPV toffri għodda ġdida u kumplimentari biex jitjieb il-kontroll tal-kanċer ċervikali. Madankollu, din ma teliminax il-ħtieġa għall-iskrinjar tal-kanċer ċervikali, anke għal dawk in-nisa li jkunu tlaqqmu kontra t-tipi ta' HPV 16 u 18 li xorta jkunu f'riskju minn tipi oħra ta' riskju għoli. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom ikomplu bl-isforzi tagħhom biex jorganizzaw u jtejbu l-kopertura u l-kwalità ta' programmi ta' skrinjar, minkejja l-introduzzjoni tat-tilqima. L-organizzazzjoni ta' programmi ta' skrinjar fejn dawn ma jkunux jeżistu tidher li hija prijorità.

It-tilqimiet tal-HPV għandhom impatt fuq l-effikaċja tal-programmi ta' skrinjar eżistenti, li jridu jiġu sorveljati mill-qrib. Tilqim estensiv iwassal għal xi tnaqqis tal-anormalitajiet ċitoloġiċi relatati mal-HPV. Barra minn hekk, nisa mlaqqma jista' jkollhom sens żbaljat ta' sigurtà, li jwassal f'attendenza inferjuri għall-iskrinjar. In-nisa jridu jiġu infurmati u mmotivati biex jattendu għal programmi ta' skrinjar, anke jekk dawn ikunu tlaqqmu. Waħda mill-iktar sfidi importanti hija li jkun hemm sinerġija bejn it-tilqim u l-iskrinjar b'mod li jkun kost-effettiv u bl-ogħla benefiċċju għan-nisa.

## Min għandu jitlaqqam? Nistabbilixxu l-popolazzjonijiet fil-mira għat-tilqima għal kontra l-HPV

Biex jitjieb kemm jista' jkun l-impatt tat-tilqimiet il-ġodda fuq mard assoċjat mal-HPV, il-grupp primarju fil-mira li jrid jiġi kkunsidrat għat-tilqim ta' rutina huwa dak tal-bniet ta' età eżattament ta' qabel l-attività sesswali (u għalhekk infezzjonijiet minn HPV), li jibda jsir komuni f'dak il-grupp. Li tiġi stabbilita età ta' tilqim taħt din l-età ma jipprevjenix ħafna infezzjonijiet, u għalhekk dan għandu jkun evitat sakemm ikun hemm evidenza biżżejjed li t-tilqim għandu perjodu twil ta' protezzjoni (iktar minn 15–20 sena). Li jkun hemm fil-mira bniet kemmxejn ikbar u nisa żgħar fl-età li jitlaqqmu eżattament fil-bidu tal-programm ta' tilqim x'aktarx iħaffef l-impatt tal-programm ta' tilqim u jżid il-benefiċċji tat-tilqim f'perjodu qasir.

Fatturi speċifiċi għall-pajjiż huma importanti biex jiddeterminaw l-età eżatta għat-tilqim ta' rutina, kif ukoll l-etajiet għal kwalunkwe tilqim ta' lqugħ. Dawn il-fatturi jinkludu: l-età medja tal-bidu tal-attività sesswali, il-prevalenza speċifika għall-età ta' infezzjonijiet mill-HPV (meta disponibbli), strateġiji ta' kif jingħata t-tilqim, u l-aċċettazzjoni tat-tilqim mill-grupp fil-mira (u ta' dawk li jieħdu ħsiebhom).

It-tilqim selettiv għal gruppi ta' 'riskju għoli' biss jidher li x'aktarx ma jkunx prattiku jew aktar effettiv milli jekk jitlaqqmu l-bniet kollha. Madankollu, l-irwol potenzjali ta' tilqim selettiv/opportunistiku ta' ċerti individwi b'riskju għoli, flimkien mat-tilqim ta' rutina, jista' jkun jeħtieġ aktar konsiderazzjoni.

## Għażliet għal strateġija għal kif tingħata t-tilqima għal kontra l-HPV fil-pajjiżi tal-UE

It-tilqim ibbażat fl-iskejjel x'aktarx tkun l-irħas għażla biex jingħata t-tilqim għal kontra l-HPV lil bniet preadolexxenti. Madankollu, kwistjonijiet lokali, bħal jekk hemmx servizzi tas-saħħa fl-iskejjel, arranġamenti ta' finanzjament għax-xiri u l-amministrazzjoni tat-tilqima u li jinkiseb il-permess tal-ġenituri jista' jaffettwa l-fattibbiltà ta' dan il-metodu.

It-tilqim fi kliniċi jew minn persuni li għandhom il-prattika hija għażla oħra alternattiva li hija disponibbli b'mod ġenerali dwar kif tista' tingħata t-tilqima għal kontra l-HPV. Dan jista' jkun iktar għali mit-tilqim fl-iskejjel u s-sorveljanza tat-tilqim tista' jkun iktar diffiċli hawnhekk.

Il-kliniċi tas-saħħa sesswali u riproduttiva kif ukoll kliniċi oħra tas-saħħa intiżi apposta għan-nisa jistgħu jkunu ċentri importanti għat-tilqim. Madankollu, il-bniet ma jistgħux imorru f'dawn qabel ma jibdew l-attività sesswali tagħhom, u għalhekk dawn x'aktarx ikunu utli l-aktar għal programmi ta' lqugħ għal adolexxenti ikbar u għan-nisa. Jista' jkun hemm ambjenti oħra li fihom isir it-tilqim għal kontra l-HPV għall-bniet f'komunitajiet li huma 'diffiċli biex jintlaħqu' kif ukoll it-tilqim opportunisitku meta l-bniet iżuru s-servizzi mediċi għal raġunijiet oħra. L-użu ta' dawn jista' jgħin biex jinkoraġġixxi it-tilqim ġenerali.

Meta jkunu qed jiġu ppjanti strateġiji ta' tilqim bit-tilqima għal kontra l-HPV għandhom jiġu kkunsidrati kemm il-programmi ta' tilqim eżistenti għall-adolexxenti kif ukoll attivitajiet oħra ta' promozzjoni tas-saħħa għaddejjin il-ħin kollu. Kulfejn jingħata dan it-tilqim, huwa important ħafna li jitwassal il-messaġġ li t-tilqim jirrappreżenta mezz addizzjonali ta' prevenzjoni u mhux sostituzzjoni għall-iskrinjar regolari għall-kanċer ċervikali.

## L-immudellar tal-ispejjeż u l-effetti tat-tilqima għal kontra l-HPV

It-tilqim għal kontra l-HPV għandu jiġi evalwat mhux biss għall-effikaċja tiegħu, iżda wkoll mill-aspett ekonomiku. L-evalwazzjoni ekonomika għandha l-għan li tistabbilixxi jekk l-ispiża li tkun saret mis-soċjetà biex tiġi ffrankata sena ta' ħajja aġġustata bil-kwalità tagħha (sena ta' ħajja aġġustata bil-kwalità jew QALY) minħabba t-tilqima għal kontra l-HPV hix l-istess għal dik ta' interventi oħra aċċettati b'mod ġenerali fis-settur tal-kura medika.

L-evalwazzjonijiet ekonomiċi mhumiex kompletament esportabbli, minħabba l-varjabbiltà tal-ispejjeż u tas-sistemi ta' kura tas-saħħa f'pajjiżi differenti. Għalhekk, kull pajjiż għandu jagħmel sforz biex iwettaq evalwazzjoni bħal din (filwaqt li jqis ukoll it-tip ta' skrinjar ċervikali li hemm fis-seħħ) qabel ma jieħu deċiżjoni dwar l-aħjar strateġija biex jiġi evitat l-kanċer ċervikali.

L-evalwazzjonijiet ekonomiċi magħmulin s'issa jidher li jindikaw li t-tilqima għal kontra l-HPV għall-bniet preadolexxenti (bi jew mingħajr ilqugħ ta' gruppi ta' età ikbar) għandu profil kost-effettiv aċċettabbli. Ir-riżultati ikunu aktar favorevoli meta jintużaw mudelli ta' simulazzjoni dinamika, fejn jiġi kkunsidrat ukoll l-effett tat-tilqim fuq ir-rati ta' trażmissjoni.

## Is-sorveljanza u l-evalwazzjoni tal-impatt tat-tilqima għal kontra l-HPV

L-evalwazzjoni ta' wara l-awtorizzazzjoni tat-tilqima għal kontra l-HPV teħtieġ tistabbilixxi l-ilqugħ u l-konformità tat-tilqima, l-effikaċja u l-effettività fit-tul tat-tilqima, l-integrazzjoni tat-tilqim ma' strateġiji oħra bħall-iskrinjar organizzat għall-kanċer ċervikali, u s-sigurtà tat-tilqima. Il-koordinazzjoni bejn il-monitoraġġ tat-tilqima u l-

programmi ta' kontroll tal-kanċer hija ta' importanza kbira biex jiġi vvalutat l-impatt tat-tilqima u l-benefiċċji tagħha meta mqabbla ma' interventi ta' prevenzjoni oħra eżistenti bħalma huwa l-iskrinjar.

Metodi biex ikun ivvalutat l-impatt tat-tilqim fuq punti ta' tmiem ta' mard klinikament rilevanti jistgħu jinkludu s-sorveljanza għal infezzjonijiet ta' HPV relatati mat-tilqima, feriti prekarċinoġeniċi, jew kanċer permezz ta' laboratorji stabbiliti jew żviluppati ġodda jew inkella reġistri taċ-ċitoloġija jew il-kanċer.

Il-provi tal-fażi IV ukoll ġew proposti biex jiġi evalwat l-impatt tat-tilqima għal kontra l-HPV fuq is-saħħa pubblika. Dawn jistgħu jipprovdu iktar informazzjoni dwar l-inċidenza ta' ċelloli anormali u prekarċinoġeniċi kif ukoll dwar l-inċidenza u r-rata ta' mwiet minħabba l-kanċer. Dawn jistgħu jkunu utli wkoll biex tkun valutata l-integrazzjoni potenzjali tal-iskrinjar ċervikali kif ukoll tal-programm ta' tilqim. Is-sorveljanza bbażata fuq ir-reġistrazzjoni sistematika tat-tilqima għal kontra l-HPV kif ukoll studji ta' rabta li jużaw ir-reġistri tal-kura tas-saħħa rilevanti jistgħu jintużaw biex tkun evalwata l-effikaċja tat-tilqima taħt kundizzjonijiet veri.

Is-sett minimu ta' informazzjoni biex tkun monitorjata tilqima għal kontra l-HPV għandu jinkludi dejta dwar il-kopertura tat-tilqima, is-sorveljanza ta' episodji avversi wara t-tilqim u minn tal-inqas sorveljanza bir-reqqa tal-impatt fuq feriti prekarċinoġeni.

# 3. Gruppi ta' prijorità li qegħdin f'riskju għat-tilqim kontra l-influwenza

(Ippubblikata f'Awwissu 2008)

Fuq it-talba tal-Kummissjoni Ewropea, l-ECDC wettaq reviżjoni xjentifika tas-saħħa pubblika li tikkonċerna gruppi f'riskju tal-influwenza[1] u gruppi oħrajn li huma offruti tilqim kontra l-influwenza staġjonali fl-Ewropa. L-objettivi speċifiċi ta' dan l-istudju kienu:

- li jiġu deskritti l-gruppi f'riskju rakkomandati għal tilqim fil-pajjiżi tal-UE/ŻEE, flimkien ma' dettalji ta' gruppi oħrajn li għalihom jiġi offrut it-tilqim;
- li ssir ġabra fil-qosor tal-evidenza ta' appoġġ għall-gruppi f'riskju li huma rakkomandati għat-tilqim;
- li tiġi suġġerita prijoritizzazzjoni tal-gruppi f'riskju fl-UE, fuq il-bażi ta' kriterji trasparenti;
- li ssir stima wiesgħa tan-numru ta' persuni fil-pajjiżi tal-UE fi gruppi ta' prijorità li qegħdin f'riskju; u
- li jiġu identifikati oqsma għal aktar xogħol, inkluż ir-riċerka u l-iżvilupp.

Id-deskrizzjonijiet tal-gruppi f'riskju tal-influwenza u tal-gruppi l-oħrajn li lilhom qiegħed jiġi offrut it-tilqim bħalissa ġew minn stħarriġ imwettaq fl-2008 mill-proġett VENICE li jaħdem flimkien mal-ECDC. Skont il-kriterji żviluppati mill-ECDC/VENICE, il-gruppi f'riskju għandhom ikunu gruppi definiti sewwa murija bħala li huma fi probabilità akbar li jiżviluppaw mard sever minn oħrajn. Minbarra dan, għandu jkun hemm evidenza ppubblikata li turi li r-riskju tagħhom li jiġu infettati tnaqqas permezz tat-tilqim. Fuq l-ewwel kriterju, ix-xogħol kien imfixkel mill-fatt li bħalissa fl-Ewropa ma qiegħda ssir ebda sorveljanza b'rutina għall-morbidità u l-mortalità assoċjati mal-influwenza severa. Il-kriterji tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol (primarjament it-tilqim tal-ħaddiema tas-saħħa) mingħajr benefiċċju muri għall-pazjenti ġew innotati iżda ngħataw inqas importanza – bl-eċċezzjoni ta' grupp wieħed ta' ħaddiema, dawk li jieħdu ħsieb il-kura tal-anzjani fid-djar residenzjali fejn hemm evidenza tajba ta' dan fil-ħarsien tal-pazjenti. Fl-aħħarnett, ġie nnotat ukoll il-livell ta' konsensus fost il-pajjiżi tal-UE.

L-analiżi tad-dokumentazzjoni tindika li hemm żewġ gruppi f'riskju fejn it-tilqima annwali ta' rutina b'tilqim għall-influwenza staġjonali hija ġustifikabbli fuq bażi xjentifika u tas-saħħa pubblika fl-Ewropa. Dawn huma:

- gruppi ta' età akbar, normalment ta' 65 sena u akbar; u
- persuni b'kundizzjonijiet mediċi kroniċi, b'mod partikolari mard fil-kategoriji li ġejjin:
  - mard respiratorju kroniku;
  - mard kardjovaskulari kroniku;
  - disturbi metaboliċi kroniċi;
  - mard epatiku u renali kroniku;
  - persuni b'immunità mdgħajfa (konġenitali jew miksuba);
  - persuni ta' età żgħira li jieħdu terapija tat-tip *salicylate* għal żmien twil; u
  - persuni b'kundizzjonijiet li jikkompromettu l-funzjoni respiratorja.

Dawn huma wkoll l-uniċi gruppi f'riskju li għalihom hemm konsensus madwar il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea kollha. Id-definizzjoni tal-età eżatta tal-grupp tal-età tal-anzjani hija xi ftit jew wisq arbitrarja ('il fuq minn 64 sena, 'il fuq

[1] Il-gruppi f'riskju tal-influwenza huma definiti hawnhekk bħala gruppi ta' nies li jinsabu fi probabilità akbar li jesperjenzaw marda severa jekk jiġu infettati u li huma wkoll magħrufin bħala li jibbenifikaw mit-tilqim permezz tat-tnaqqis tar-riskju ta' infezzjoni.

minn 59 sena, eċċ.) u ftit pajjiżi diġà telqu mill-kriterju ta' 'l fuq minn 64 sena, jiddependi fuq analiżi u ċirkostanzi nazzjonali.

Jeżistu għadd ta' argumenti tajbin biex l-immunizzazzjoni tiġi offruta lil żewġ gruppi oħrajn li jinsabu f'riskju: in-nisa tqal u t-tfal (definiti b'diversi modi bħala 'taħt l-età' ta' sentejn jew 'taħt l-età ta' ħames snin'). Madankollu, għaż-żewġ gruppi hemm biss informazzjoni limitata fl-Ewropa, kemm fuq ir-riskju kif ukoll fuq l-effikaċja, u sa issa għadu ma ntlaħaq ebda konsensus fuq livell Ewropew. Ma hemmx biżżejjed dejta sabiex dawn iż-żewġ gruppi jiġu identifikati bħala gruppi f'riskju fuq il-livell tal-UE. Hekk kif isiru disponibbli aktar informazzjoni u dejta, dawn il-gruppi jkollhom jiġu evalwati mill-ġdid. Huwa importanti b'mod speċjali li tinġabar id-dejta dwar l-impatt tal-immunizzazzjoni f'dawn il-gruppi, biex b'hekk ikun jista' jintlaħaq konsensus wara li jsiru aktar evalwazzjonijiet.

Hemm ukoll gruppi li għalihom spiss tiġi offruta l-immunizzazzjoni iżda li mhumiex fi gruppi f'riskju u li għalihom ma hemm ebda każ b'saħħtu li jikkonċerna s-saħħa pubblika. Biex nieħdu eżempju, hemm konsensus konsiderevoli fi ħdan l-UE li l-ħaddiema kollha fil-qasam tal-kura tas-saħħa li jkollhom kuntatt mal-pazjenti għandhom jitlaqqmu minħabba raġunijiet ta' saħħa fuq il-post tax-xogħol (għall-ħarsien tal-ħaddiema). Teżisti evidenza bbażata fuq il-provi li mit-tilqim ta' dawk li jieħdu ħsieb il-kura tal-anzjani fid-djar residenzjali jibbenifikaw indirettament il-pazjenti, minħabba li jipproteġihom minn effetti severi ta' infezzjoni tal-influwenza. Madankollu, wieħed jista' jinnota li ħafna mill-ħaddiema tas-saħħa fl-Ewropa ma jaċċettawx dawn l-offerti ta' immunizzazzjoni. Ma teżisti ebda evidenza tajba ta' benefiċċji mill-għoti tal-immunizzazzjoni lil nies li jaqsmu djarhom ma' persuni fiż-żewġ gruppi ta' riskji ewlenin.

Qiegħdin isiru stimi wiesgħa fir-rigward tan-numri u l-perċentwali ta' nies li jappartjenu għaż-żewġ gruppi ta' riskju ewlenin fil-pajjiżi tal-UE. Dan l-istudju applika metodu wieħed li ssuġġerixxa li bħalissa l-pajjiżi tal-UE għandhom bżonn ilaqqmu madwar 25% tal-popolazzjonijiet tagħhom kull sena minħabba li dawn jappartjenu għal mill-inqas wieħed miż-żewġ gruppi ta' riskju maġġuri. Stimi nazzjonali oħrajn taw perċentwali simili. Il-medda nazzjonali hija minn 19% sa 28%, jiddependi fuq il-perċentwali tal-anzjani fil-popolazzjoni f'kull pajjiż. It-total tal-UE huwa stmat li jlaħħaq madwar 125 miljun ruħ, maqsuma f'żewġ terzi (madwar 84 miljun ruħ li għandhom 65 sena jew aktar) għal terz (madwar 41 miljun persuna ta' età aktar żgħira b'mard kroniku). Dawn il-figuri sejrin jiżdiedu b'mod ineżorabbli matul iż-żmien minħabba l-popolazzjonijiet li qiegħdin jixjieħu u s-suċċess li qiegħed jinkiseb fil-qasam tal-mediċina moderna, li qiegħed jagħti ċ-ċans lil nies affettwati b'mard kroniku li jgħixu ħajjiet produttivi itwal.

Dan l-istudju jirrakkomanda numru ta' prijoritajiet għar-riċerka u l-iżvilupp fl-Ewropa:

- l-iżvilupp tas-sorveljanza: sorveljanza b'rutina għal manifestazzjonijiet severi tal- influwenza fl-Ewropa (ammissjonijiet fl-isptar u mwiet);
- il-monitoraġġ b'rutina tal-effikaċja tat-tilqim kontra l-influwenza, speċjalment fit-tnaqqis tar-riskju ta' mard sever u mwiet mill-influwenza;
- l-istima tal-piż tal-marda kkawżata mill-influwenza fin-nisa tqal u t-tfal, u l-evalwazzjoni tal-impatt tal-immunizzazzjoni tan-nisa tqal u t-tfal ta' kull età fl-Ewropa;
- investigazzjonijiet ulterjuri li juru jekk l-immunizzazzjoni tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa u tal-membri tal-familja hijiex qiegħda tnaqqas jew le r-riskju f'persuni vulnerabbli fiż-żewġ gruppi ta' riskju ewlenin;
- l-iżvilupp ta' proġetti għal promozzjoni aktar qawwija tal-immunizzazzjoni għall-influwenza fost il-ħaddiema fis-settur tal-kura tas-saħħa, kemm għall-benefiċċju tagħhom stess kif ukoll għall-benefiċċju tal-pazjenti tagħhom;
- investigazzjonijiet speċifiċi fir-rigward ta' jekk hemmx jew le livelli ogħla ta' riskju ta' mard sever minn infezzjoni tal-influwenza f'persuni infettati bl-HIV fl-Ewropa u studji simili għal kundizzjonijiet oħrajn aktar komuni bħall-ażżma ħafifa;
- studji dwar l-impatt tas-saħħa u l-ekonomija tas-saħħa li jikkonċernaw l-immunizzazzjoni kontra l-influwenza, eż. fuq persuni 'l fuq mill-età tal-limitu għal immunizzazzjoni, filwaqt li jiġi rikonoxxut li pajjiżi differenti jeħtieġ li jistabbilixxu l-limiti tal-età tagħhom stess;
- investigazzjoni tal-impatt tal-immunizzazzjonijiet għal kulħadd sabiex jiġi ddeterminat kwalunkwe benefiċċju indirett mit-tnaqqis tal-livelli ġenerali ta' trasmissjoni.

# Rapporti ta' sorveljanza

## 4. Rapport epidemjoloġiku annwali dwar mard li jittieħed fl-Ewropa 2008 – Rapport dwar l-istat tal-mard li jittieħed fl-UE u fil-pajjiżi taż-ŻEE/EFTA

(Ippubblikat f'Diċembru 2008)

Kull sena l-ECDC jippubblika r-Rapport Epidemjoloġiku Annwali Ewropew (AER). It-tieni ħarġa, ippubblikata fl-2008, tinkludi ħarsa ġenerali tas-sorveljanza tal-mard li jittieħed mill-2006 f'forma ta' tabelli b'kummenti limitati, u tipprovdi deskrizzjoni tat-theddidiet akuti għas-saħħa tal-bniedem minn mard li jittieħed fl-2007. Barra minn hekk, ir-rapport jiffoka wkoll fuq deskrizzjoni komprensiva ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa (HCAI), fosthom ir-reżistenza antimikrobika (AMR).

It-theddidiet prinċipali relatati mal-mard li jittieħed fl-UE ma nbidlux mill-ħarġa preċedenti ta' dan ir-rapport u jinkludu dawn li ġejjin:

- Reżistenza antimikrobika;
- Infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa;
- Infezzjoni mill-HIV;
- Infezzjonijiet pnewmokoċċiċi;
- Influwenza (potenzjal pandemiku kif ukoll epidemiji staġjonali annwali);
- Tuberkulożi.

### *SUĠĠETT PRINĊIPALI TA' DIN IL-ĦARĠA*

### *Infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa (HCAI)*

Is-sorveljanza tal-infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa (HCAI) fl-Ewropa ssir permezz tan-netwerk IPSE (Improving Patient Safety in Europe) (2005–Ġunju 2008), li tinkludi s-sorveljanza tal-infezzjonijiet fis-sit tal-operazzjoni (*Hospitals in Europe Link for Infection Control through Surveillance*, HELICS-SSI) u s-sorveljanza tat-taqsima tal-kura intensiva (HELICS-ICU).

L-inċidenza tal-infezzjonijiet fis-sit tal-operazzjoni kirurġika fl-2006 baqgħet stabbli meta mqabbla mal-2004-05 ħlief għall-operazzjonijiet tal-proteżi tal-ġenbejn fejn kienet osservata xejra 'l isfel sinifikanti; minn 2.2 % għal 1.6 % fl-2005 u 1.3 % fl-2006 (p = 0.039).

Mill-51 621 pazjent li għamlu aktar minn jumejn fit-taqsima tal-kura intensiva, 6.8 % qabdithom pulmonite. L-inċidenza varjat minn 1.5 % fil-pazjenti mhux sottoposti għal ventilazzjoni għal 22.2 % fil-pazjenti sottoposti għal ventilazzjoni għal ġimgħa jew aktar. L-iżjed mikrorganiżmu frekwenti iżolat fil-pulmonite akkwiżita fit-taqsima tal-kura intensiva kien il-*Pseudomonas aeruginosa* u fl-infezzjonijiet tal-fluss tad-demm akkwiżiti fit-taqsima tal-kura intensiva l-istafilokokki koagulażi negattivi.

Is-sorveljanza tal-HCAI ġiet estiża ulterjorment fl-2006, u l-proċess tal-estensjoni se jkompli wara t-transizzjoni tal-komponenti tas-sorveljanza tan-netwerk IPSE għall-ECDC fl-2008.

F'termini ġenerali, ir-rati ta' infezzjonijiet HCAI baqgħu stabbli fl-Ewropa kollha fl-2006. Madankollu, għad hemm differenzi konsiderevoli bejn pajjiż u ieħor fejn tidħol is-sorveljanza u għalhekk għandha ssir aktar enfasi fuq l-armonizzazzjoni tal-metodi.

### *Reżistenza antimikrobika (AMR)*

Id-dejta dwar ir-reżistenza antimikrobika ġejja mis-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tar-Reżistenza għall-Antimikrobiċi (EARSS) li hija netwerk iddedikat għas-sorveljanza tal-AMR fl-Ewropa.

### *Streptococcus pneumoniae*

Fl-2006, ħafna mill-pajjiżi fit-Tramuntana tal-Ewropa kellhom livelli ta' non-suxxettibilità għall-*S. pneumonia* (PNSP) ta' inqas minn 5 % filwaqt li fil-pajjiżi fin-Nofsinhar tal-Ewropa u l-Mediterran, il-perċentwal ta' PNSP varja minn 7 % għal > 25 %.

## *Staphylococcus aureus*

L-i*Staphylococcus aureus* reżistenti għall-metiċillina (methicillin) (MRSA) kompla jinfirex f'pajjiżi Ewropej b'endemija għolja, medja u baxxa fl-2006. Ħmistax minn 31 pajjiż (l-aktar pajjiżi fl-Ewropa tan-Nofsinhar, ir-Renju Unit u l-Irlanda) irrappurtaw li l-perċentwal tal-iżolati kollha tal-i*Staphylococcus aureus* reżistenti għall-metiċillina kien 25 % jew aktar b'perċentwali li jistabbilizzaw ruħhom f'xi wħud mill-pajjiżi b'endemija għolja. Fl-Ewropa tat-Tramuntana, il-perċentwal ta' MRSA baqa' ta' < 4 %.

## *Escherichia coli*

Il-livell dejjem jiżdied ta' reżistenza għall-fluworokinoloni (fluoroquinolone) fl-Ewropa kien partikolarment allarmanti.

## *Pseudomonas aeruginosa*

Fl-2006, kważi wieħed minn kull ħamsa tal-iżolati tal-*P. aeruginosa* invażiva kien reżistenti għal tliet antibijotiċi jew aktar, b'mod partikolari f'pajjiżi fin-Nofsinhar tal-Ewropa.

## *SOMMARJU TAS-SORVELJANZA TAL-MARD LI JITTIEĦED 2006*

## *HIV, infezzjonijiet sesswalment trasmessi, epatite B u Ċ, u HIV*

Fl-2006, l-infezzjoni bl-HIV baqgħet ta' importanza kbira għas-saħħa pubblika fl-Ewropa, b'aktar minn 25 000 każ ġdid iddijanjostikat jiġi rrappurtat minn 29 pajjiż (esklużi l-Italja, Spanja u l-Liechtenstein), li jipproduċi inċidenza globali ta' 6 għal kull 100 000 persuna. Teżisti diversità kbira bejn il-pajjiżi fl-epidemjoloġija tal-infezzjoni mill-HIV. Kienu qegħdin jiġu rrappurtati ammonti dejjem jiżdiedu ta' każijiet ta' HIV f'xi pajjiżi Ewropej: prinċipalment l-Estonja, il-Latvja, il-Lussemburgu, il-Portugall u r-Renju Unit. B'kuntrast, in-numru ta' każijiet irrappurtati ġodda ta' AIDS fl-UE u l-pajjiżi taż-ŻEE/EFTA kien 7 035, li jfisser perċentwal ta' 1.4 għal kull 100 000 persuna, li jikkorrispondi għal tnaqqis b'iżjed minn terz mill-1999.

Il-kuntatt eterosesswali (53%) kien il-mod predominanti ta' kif tiġi trasmessa l-infezzjoni mill-HIV, madankollu madwar 40% minnhom kienu dijanjostikati f'persuni li joriġinaw minn pajjiżi b'epidemija ġeneralizzata. Jekk jiġu esklużi dawn il-każijiet, il-mod predominanti ta' kif tixtered il-marda huwa s-sess bejn l-irġiel (37%).

Numru kbir ta' persuni pożittivi għall-HIV fl-UE għadhom ma jafux li huma infettati. Dan jenfasizza l-ħtieġa għal sforzi sabiex jiżdied it-teħid ta' testijiet għall-HIV.

## *Infezzjonijiet sesswalment trasmessi*

Fl-2006, l-infezzjonijiet bil-*Chlamydia trachomatis* baqgħu l-iżjed STI rrappurtati frekwentement (u l-aktar marda komuni rrappurtata globalment fl-Ewropa), u kienu jammontaw għal kważi kwart fuq miljun każ irrappurtati mit-22 Stat Membru tal-UE u taż-ŻEE/EFTA li jwettqu sorveljanza dwar din il-marda. Ir-rata rrappurtata kienet ta' 92 għal kull 100 000 persuna.

Fl-2006, ġie rrappurtat varjant ġdid tal-*Chlamydia trachomatis* fl-Iżvezja, li ma kienx inqabad mit-testijiet li huma komunement disponibbli kummerċjalment. Dan wassal għal studju biex dan il-varjant jiġi mfittex fi Stati Membri oħra, iżda jidher li għadu limitat għall-Iżvezja.

Fl-2006, ġie awtorizzat l-ewwel vaċċin kontra l-infezzjoni tal-papillomavirus uman.

## *Influwenza*

Is-sena 2006 rat l-ewwel każijiet tal-influwenza patoġena ħafna tat-tjur (A(H5N1)) f'għasafar u tjur selvaġġi fl-Unjoni Ewropea. Madankollu, ma ġew irrappurtati l-ebda każijiet umani ta' infezzjoni bl-A(H5N1) fl-UE matul l-2006; ġie rrappurtat każ wieħed biss ta' infezzjoni minn razza tat-tjur mhux patoġena ħafna H7, f'ħaddiem li jaħdem mat-tjur fir-Renju Unit. Madankollu, pakkett leġiżlattiv aħjar dwar is-saħħa tal-annimali assigura rispons konsistenti għat-theddida dejjem tikber ippreżentata mill-virus A(H5n1) fl-Istati Membri tal-UE. Billi huwa baqa' primarjament virus tal-għasafar, l-identifikazzjoni u l-qerda malajr tal-infezzjoni fl-għasafar u speċjalment f'qatgħat ta' tjur domestiċi baqgħet l-ewwel linja ta' difiża għall-bnedmin.

## *Tuberkulożi*

L-inċidenza tat-tuberkulożi (TB) kompliet tonqos fil-popolazzjonijiet indiġeni ta' kważi l-Istati Membri kollha, fejn hija prinċipalment marda tal-anzjani, li qiegħda tiġi riattivata wara infezzjoni primarja bosta deċennji ilu. Madankollu, il-bidliet demografiċi, politiċi u soċjoekonomiċi reċenti fl-Ewropa, bħaż-żieda fil-migrazzjoni, qegħdin jaffettwaw is-sitwazzjoni. B'riżultat ta' dan, it-TB qiegħda ssir iżjed komuni fl-immigranti, il-persuni bla dar, il-foqra fil-partijiet interni tal-ibliet, il-ħabsin, persuni bl-HIV, u dawk bil-vizzju tad-droga fl-UE.

Barra minn hekk, hemm żoni b'livelli għoljin ta' tuberkulożi reżistenti għall-mediċini, l-aktar minħabba reġimi ta' kura inkompleti jew imfassla ħażin.

## *Mard prevenibbli b'vaċċin (VPD)*

Mill-introduzzjoni tat-tilqima għat-tfal kollha bil-vaċċin kontra l-*Haemophilus influenzae* tat-tip B (Hib) fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE, l-inċidenza ta' mard milll-Hib invażiva naqset u għadha baxxa għall-popolazzjoni kollha fil-pajjiżi tal-UE (fl-2006 kienet inqas minn 1 għal kull 100 000).

Bosta pajjiżi Ewropej żiedu mal-programmi tagħhom tat-tilqim il-vaċċin pnewkoċċiku konjugat 7 (pneumococcal conjugated vaccine 7 - PCV7) , tal-anqas għall-gruppi f'riskju għoli. Dan qajjem tħassib dwar il-possibbiltà li serotipi komuni jistgħu jiġu bil-mod il-mod sostitwiti minn serotipi mhux koperti mill-PCV7, kif diġà ġie osservat fl-Istati Uniti. Dan jenfasizza l-importanza ta' sistemi ta' sorveljanza li jkopru mhux biss il-marda iżda wkoll id-distribuzzjoni tas-serotipi.

Minkejja xejra ġenerali ta' tnaqqis matul l-aħħar għaxar snin, fl-2006 il-ħosba kienet għadha prijorità tas-saħħa pubblika b'aktar minn 7 000 każ ikkonfermat u sitt imwiet irrappurtati. Diversi avvenimenti wrew ukoll b'mod ċar il-potenzjal għoli li tfaqqa' l-ħosba.

Ħafna mill-pajjiżi tal-UE użaw il-vaċċin aċellulari kontra l-pertussi (sogħla konvulsiva) (aP) fl-2006. Wara perjodu ta' stabbiltà, il-perċentwal ta' notifika jidher li żdied kemxejn f'xi pajjiżi tal-UE mill-2003 'l hawn.

## *Mard li jinġarr fl-ikel u fl-ilma*

Il-*campylobacter* għadu l-iżjed aġent patoġenu gastroenteriku rrappurtat frekwentement fl-UE u fil-pajjiżi taż-ŻEE/EFTA b'inċidenza ta' kważi 40 każ għal kull 100 000 persuna, għalkemm jidher li kien hemm tnaqqis żgħir fin-numri mill-2005 sal-2006.

L-infezzjonijiet mill-VTEC/STEC ukoll jidher li qegħdin jonqsu, b'perċentwal ta' notifika fl-2006 ta' ftit aktar minn każ wieħed f'kull 100 000 persuna, għalkemm xi pajjiżi jirrappurtaw numri konsiderevolment ogħla, speċjalment fi tfal żgħar.

## *SOMMARJU TAT-THEDDIDIET TAL-2007*

Fl-2007, l-ECDC mmonitorja 168 theddida li minnhom:

- 142 (85 %) kienu ġodda;
- 21 kienu nfetħu fl-2006 u kienu għadhom attivi fl-2007;
- ħamsa kienu nfetħu fl-2005 u kienu għadhom attivi fl-2007;
- 66 theddida kienu jeħtieġu segwitu attiv mill-ECDC;
- 10 minnhom irriżultaw f'valutazzjoni dettaljata tat-theddida li ġiet iċċirkolata lill-Istati Membri tal-UE u lill-Kummissjoni Ewropea permezz tal-EWRS.

B'mod ġenerali, fl-2007, it-theddidiet ta' interess għall-UE baqgħu estensivi. Il-mard li jinġarr fl-ikel u fl-ilma baqa' l-iżjed sors komuni ta' theddida mmonitorjat fl-UE. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li kien hemm żieda sinjifikanti fit-theddidiet relatati mat-tuberkulożi fl-2007, u b'mod partikolari, avvenimenti relatati ma' TB reżistenti u multireżistenti għall-mediċini u estremament reżistenti għall-mediċini (XDR), kif ukoll l-esponiment ta' passiġġieri oħra għal pazjenti bit-tuberkulożi li jkunu qegħdin jivvjaġġaw waqt il-fażi infettiva.

Ħafna mit-theddidiet identifikati bħala li kellhom impatt potenzjali fuq l-UE fl-2007 ġew irrappurtati permezz tal-EWRS jew permezz ta' netwerks Ewropej imfassla għal dan il-għan (EWGLI għall-marda tal-leġjunarju u ENTERNET għall-mard li ġej mill-ikel u mill-ilma). L-EWRS uriet ruħha kontinwament li hija strument effikaċi għall-koordinament f'waqtu ta' miżuri tas-saħħa pubblika mill-Istati Membri tal-UE sabiex jikkontrollaw theddidiet ikkonfermati. Fl-2007, l-ECDC beda jiżviluppa pjattaforma ta' komunikazzjoni fl-UE kollha għall-intelligence epidemika.

## *KONKLUŻJONIJIET*

Il-prijoritajiet għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard li jittieħed fl-UE ma nbidlux b'mod sostanzjali mill-aħħar ħarġa tal-AER.

Minn banda, l-oqsma ta' tħassib, li jinkludu kundizzjonijiet b'piż konsiderevolment għoli, għadhom l-istess. Minbarra s-sitt theddidiet prinċipali elenkati fil-bidu ta' dan is-sommarju, l-ammonti għoljin ta' infezzjoni bil-klamidja u l-campylobacter jimmeritahom l-attenzjoni tagħna.

Mill-banda l-oħra, f'xi oqsma ta' mard, bħal eżempju xi wħud mill-VPDs (fosthom il-Hib), kien hemm tnaqqis fl-inċidenza, u xi VPDs oħra (eż. id-difterite) qegħdin f'livelli ta' inċidenza estremament baxxi – madwar 0.1 ta'

każijiet għal kull 100 000 persuna. Madankollu, l-Istati Membri tal-UE għadhom ferm 'il bogħod sabiex jilħqu l-miri stabbiliti mill-programmi għall-qerda tal-mard, speċjalment fir-rigward tal-ħosba.

Il-kwalità tad-dejta li fuqha huma bbażati dawn il-konklużjonijiet għadha ferm 'il bogħod milli perfetta u għad irid jiġi investit sforz konsiderevoli sabiex tittejjeb is-sorveljanza tal-mard li jittieħed fl-Unjoni Ewropea. Fuq kollox, għad baqa' problemi kbar rigward il-komparabilità tad-dejta minn Stati Membri differenti, li ovvjament inaqqsu s-siwi tad-dejta miġbura fil-livell Ewropew.

Jeħtieġ li jiġu esplorati metodi ġodda sabiex tiġi pprovduta dejta biex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet fil-qasam tal-mard li jittieħed, inkluż il-valutazzjoni tal-piż attwali u ġejjieni tal-mard li jittieħed.

Jekk wieħed iħares lejn il-ġejjieni, huwa ovvju li xi xejriet fuq perjodu fit-tul se jaffettwaw il-panorama tal-mard li jittieħed fl-UE, bħal:

- it-tixjiħ tal-popolazzjoni fl-UE;
- it-tibdil ambjentali, inkluż it-tibdil tal-klima;
- iż-żieda fl-ivvjaġġar u l-migrazzjoni; u
- il-bidliet soċjali.

Jeħtieġ li jiġi sostnut monitoraġġ kontinwu tal-piż u x-xejriet tal-mard li jittieħed fl-UE sabiex tiġi pprovduta dejta soda li fuqha għandha tinbena politika komuni dwar is-saħħa.

# 5. Sorveljanza tal-HIV/AIDS fl-Ewropa

(Ippubblikat f'Diċembru 2008)

## *Punti ewlenin*

L-infezzjoni mill-HIV tibqa' ta' importanza kbira għas-saħħa pubblika fl-UE, b'evidenza ta' żieda fit-tixrid tal-HIV f'diversi pajjiżi Ewropej.

- Fl-2007, ġew irrappurtati 48 892 dijanjożi ġdida ta' infezzjoni mill-HIV minn 49 mit-53 pajjiż fir-Reġjun Ewropew tal-WHO (mhix disponibbli dejta għall-Awstrija, l-Italja, Monako jew il-Federazzjoni Russa). L-ogħla rati kienu rrappurtati mill-Estonja, l-Ukraina, il-Portugall u r-Repubblika tal-Moldova. Ġew irrappurtati 5 244 każ ta' AIDS minn 48 pajjiż (mhix disponibbli dejta mill-Italja, il-Każakistan, Monako, il-Federazzjoni Russa jew l-Ukraina).
- Fl-2007, ġew irrappurtati 26 279 dijanjożi ġdida ta' infezzjoni mill-HIV fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (f'dan ir-rapport riferuti bħala UE/EFTA) (mhix disponibbli dejta mill-Awstrija jew l-Italja). Fl-UE/EFTA, l-ogħla rati kienu rrappurtati mill-Estonja, il-Portugall u l-Latvja; l-inqas rati kienu rrappurtati mis-Slovakkja, ir-Repubblika Ċeka u r-Rumanija.
- Fl-UE/EFTA, il-modi predominanti ta' kif tixtered l-infezzjoni mill-HIV jidhru li huma s-sess bejn l-irġiel segwit mill-kuntatt eterosesswali. Madwar 40% tal-każijiet irrappurtati li huma akkwiżiti eterosesswalment kienu dijanjostikati f'individwi li joriġinaw minn pajjiżi li għandhom epidemiji ġeneralizzati tal-HIV/AIDS.
- Fit-tliet żoni ġeografiċi tar-Reġjun Ewropew tal-WHO, l-użu tad-droga injettata għadu l-mod ewlieni ta' trasmissjoni fil-Lvant, filwaqt li fiċ-Ċentru, il-mod predominanti ta' trasmissjoni tal-HIV huwa l-kuntatt eterosesswali, għalkemm żdied ukoll in-numru ta' każijiet tal-HIV fost irġiel li jagħmlu s-sess ma' rġiel oħra. Fil-Punent, il-mod predominanti huwa s-sess bejn l-irġiel, segwit mill-kuntatt eterosesswali, meta jiġu esklużi l-każijiet f'persuni li joriġinaw minn pajjiżi b'epidemiji ġeneralizzati.
- B'mod ġenerali, minkejja r-rappurtaġġ inkomplet, l-ammont ta' dijanjożi ġodda ta' infezzjoni mill-HIV li ġew irrappurtati fl-2007 żdied, filwaqt li n-numru ta' dijanjożi ġodda ta' AIDS kompla jonqos fir-Reġjun Ewropew tal-WHO b'mod globali, għalkemm fil-Lvant, in-numru ta' każijiet ta' AIDS kompla jiżdied. Mill-2000 'l hawn, ir-rata ta' dijanjożi ġodda ta' HIV li ġew irrappurtati għal kull miljun ruħ fil-popolazzjoni kważi rduppjat minn 39 għal kull miljun fl-2000 għal 75 għal kull miljun fl-2007, ibbażat fuq l-erbgħa u erbgħin pajjiż li rrappurtaw regolarment dejta tas-sorveljanza tal-HIV.
- L-ammont totali ta' testijiet tal-HIV mwettqa kull sena għal skopijiet dijanjostiċi, esklużi t-testijiet anonimi mhux kollegati u d-donazzjonijiet tad-demm, bejn l-2003 u l-2007 żdiedu fil-maġġoranza tal-pajjiżi.
- Id-dejta ppreżentata hawnhekk għandha xi limiti, b'mod partikolari minħabba l-informazzjoni nieqsa minn għadd ta' pajjiżi. Dan jillimita l-konklużjonijiet li wieħed jista' jislet fir-rigward tad-daqs tal-epidemiji tal-HIV u l-AIDS fl-Ewropa. Kieku ġiet ikkunsidrata din id-dejta, l-ammont globali ta' każijiet għall-2007 kien bejn wieħed u ieħor jirdoppja.

## Rakkomandazzjonijiet għas-sorveljanza tal-HIV/AIDS

Id-dejta dwar is-sorveljanza tal-HIV/AIDS hija vitali sabiex jiġu mmonitorjati x-xejriet tal-epidemija tal-HIV u jiġi evalwat ir-rispons tas-saħħa pubblika. Għalhekk il-pajjiżi kollha fl-Ewropa għandhom:

- jimplimentaw sistemi nazzjonali ta' rappurtaġġ ibbażati fuq il-każ għal każijiet ta' HIV u AIDS u jiżguraw il-kompletezza tagħhom u li jsiru fil-ħin;
- itejbu l-kwalità tal-informazzjoni rrappurtata, speċjalment fir-rigward tar-rotot probabbli ta' trasmissjoni; u
- jippromwovu sorveljanza komprensiva tal-HIV fosthom sorveljanza tal-imġiba u studji dwar il-prevalenza tal-HIV.

## Rakkomandazzjonijiet għas-saħħa pubblika

L-interventi sabiex tiġi kkontrollata l-epidemija għandhom ikunu bbażati fuq l-evidenza u adattati għall-pajjiż u ż-żona ġeografika. Mid-dejta ta' sorveljanza li hija disponibbli, huwa raġonevoli li jsiru dawn ir-rakkomandazzjonijiet:

- Lvant: l-interventi sabiex jiġi kkontrollat l-HIV fost dawk li jagħmlu użu tad-droga injettata għandhom ikunu l-bażi tal-istrateġiji għall-prevenzjoni tal-HIV; għandhom jiġu msaħħa wkoll il-miżuri sabiex tiġi evitata t-trasmissjoni eterosesswali, immirati speċjalment lejn dawk li għandhom sieħeb jew sieħba f'riskju għoli.
- Ċentru: il-prevenzjoni għandha tkun adattata għaċ-ċirkostanzi ta' kull pajjiż sabiex jinżammu l-vantaġġi epidemjoloġiċi tagħhom.
- Punent: l-interventi sabiex jiġi kkontrollat l-HIV fost l-irġiel li jagħmlu s-sess ma' rġiel oħra għandhom ikunu l-bażi tal-istrateġiji għall-prevenzjoni tal-HIV, eż. kampanji mġedda dwar sess protett mmirati lejn irġiel li jagħmlu s-sess ma' rġiel oħra; l-interventi għall-prevenzjoni, it-trattament u l-kura jridu jiġu adattati sabiex jilħqu l-popolazzjonijiet tal-immigranti.
- Fis-sottoreġjuni kollha, għandhom jiġu promossi t-testijiet għall-HIV sabiex ikun żgurat aċċess bikri għat-trattament u l-konsulenza biex tgħin sabiex tevita jew tnaqqis it-trasmissjoni ulterjuri u jitjiebu r-riżultati tat-trattament fuq perjodu aktar fit-tul għall-persuni kkonċernati.

# Rapporti speċjali

## 6. Qafas ta' Pjan ta' Azzjoni għall-ġlieda kontra t-tuberkulożi fl-Unjoni Ewropea

(Ippubblikat f'Marzu 2008)

It-TB hija marda infettiva gravi fil-bniedem, li tittieħed l-aktar wara l-ġbid għal ġol-pulmuni ta' batterji fi qtar prodotti minn persuna li tbati minn marda fil-pulmun. Għalkemm jeżisti trattament effikaċi, trattamenti inadegwati jew konformità insuffiċjenti jistgħu jirriżultaw f'indeboliment tal-kura, rikaduta bikrija jew l-iżvilupp ta' TB reżistenti għall-mediċina.

L-inċidenza tat-TB fl-UE naqset kostantement matul l-aħħar deċennji. Iċ-ċifri dwar is-27 Stat Membru tal-UE huma fost l-aktar baxxi fid-dinja għalkemm huma ogħla milli f'pajjiżi industrijalizzati oħra bħall-Istati Uniti tal-Amerika u l-Awstralja. Ma hemm ebda lok għall-kompjaċenza, madankollu, billi sitwazzjoni epidemjoloġika favorevoli simili ġiet deskritta għexieren ta' snin ilu u rriżultat fi tnaqqis tal-għarfien u ta' riżorsi u servizzi għall-prevenzjoni u l-kontroll tat-TB. Konsegwentement, il-marda reġgħet tfaċċat alimentata mill-epidemija tal-HIV u l-iżvilupp ta' TB multireżistenti għall-mediċini (MDR TB). Kien għaldaqstant meħtieġ li jiġġeddu l-isforzi fl-ambitu tal-programmi u tal-attivitajiet ta' kontroll biex jiġu assigurati dijanjożi bikrijn, aċċess għal terapija xierqa, u trattamenti kompluti.

Minħabba din is-sitwazzjoni, il-Kummissarju Ewropew għas-Saħħa, Markos Kyprianou, f'Marzu 2007 talab liċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) biex jiżviluppa proposta għal pjan ta' azzjoni għall-ġlieda tat-tuberkulożi (TB) fl-UE.

Il-mira fit-tul tal-Qafas ta' Pjan ta' Azzjoni dwar it-TB huwa li tiġi kkontrollata u fl-aħħar mill-aħħar eliminata t-TB fl-UE. Ħafna mill-attivitajiet immirati sabiex jitnaqqas il-piż tat-tuberkulożi jistrieħu fuq sforzi nazzjonali, bl-istituzzjonijiet tal-UE jappoġġjaw lill-Istati Membri fil-ħidma tagħhom. L-għanijiet tal-pjan huma li:

- iżid l-għarfien politiku u pubbliku dwar it-TB bħala kwistjoni ta' saħħa pubblika fl-UE;
- jappoġġja u jsaħħaħ l-isforzi tal-Istati Membri kontra t-TB f'konformità mal-isfidi u s-sitwazzjoni epidemjoloġika nazzjonali;
- jikkontribwixxi għall-kontroll tat-TB fl-UE, billi jappoġġja lil dawk il-pajjiżi li minnhom joriġinaw il-każijiet importati.

Din il-proposta hija bbażata fuq erba' prinċipji: li tiġi assigurata kura ta' kwalità u fil-pront għal kulħadd; li tissaħħaħ il-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa; li jiġu żviluppati għodod ġodda; u li jinbnew sħubijiet u kollaborazzjoni mal-pajjiżi u l-partijiet interessati. Madwar dawn il-prinċipji ġew organizzati tmien oqsma għall-iżvilupp strateġiku. Fil-qosor, dawn huma l-għanijiet/azzjonijiet rakkomandati għal kull wieħed mit-tmien oqsma:

### *Qasam 1. Impenn għall-kontroll tat-TB, għarfien dwar it-TB u l-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa*

1. Li jiżdied l-impenn politiku u tar-riżorsi tal-Istati Membri għal pjanijiet biex tiġi kkontrollata t-TB bħala parti mill-istrateġiji ġenerali tas-saħħa pubblika.
2. Li tissaħħaħ il-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri biex jitwettqu attivitajiet għall-kontroll u l-eliminazzjoni tat-TB.

### *Qasam 2. Sorveljanza*

1. Li jiġu evalwati l-karatteristiċi epidemjoloġiċi u l-firxa tat-TB fil-popolazzjoni matul iż-żmien u ġeografikament, kemm fl-Istati Membri u kif ukoll fl-Ewropa kollha b'mod ġenerali.
2. Li jiġu mmonitorjati l-attivitajiet ta' kontroll tat-TB u li din l-informazzjoni tiddaħħal fiċ-ċiklu tat-tfassil tad-deċiżjonijiet biex ikunu jistgħu jsiru interventi xierqa bil-għan li jiġu aġġornati l-pjani nazzjonali u Ewropej dwar it-TB.
3. Li jiġu identifikati u deskritti l-popolazzjonijiet vulnerabbli għat-TB u pronjożi sfavorevoli li għaliha għandhom jiġu indirizzati l-attivitajiet tas-saħħa pubblika fil-mira.

### *Qasam 3. Servizzi tal-laboratorji*

1. Li jiġu żviluppati u implimentati servizzi tal-laboratorji li jkunu moderni u ta' kwalità għolja, li jappoġġjaw il-ħtiġijiet kliniċi, tas-saħħa pubblika u tar-riċerka dwar it-TB.
2. Li jiġi żgurat li jiġu offruti servizzi tal-laboratorji ta' kwalità, preċiżi u sikuri u persunal imħarreġ b'mod xieraq sabiex iwettaq ix-xogħol.
3. Li jiġi assigurat l-investiment fis-sostenn tas-servizzi tal-laboratorju għal perjodu ta' żmien twil.

### *Qasam 4. Kura tat-TB ta' kwalità u fil-pront għal kulħadd*

1. Li ssir dijanjożi fil-pront tal-każijiet kollha u li jiġu assigurati trattament u kura xierqa tat-TB.
2. Li jitfasslu interventi għal sitwazzjonijiet epidemjoloġiċi speċifiċi u popolazzjonijiet vulnerabbli biex tiġi assigurata effikaċja massima fil-kontroll tat-TB fuq il-livelli kollha.
3. Li tinkiseb applikazzjoni konsistenti tal-miżuri ta' ġestjoni tat-tifqigħa ta' marda.
4. Li jiġi żgurat li jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tas-saħħa individwali tal-pazjenti kollha bit-TB.

### *Qasam 5. MDR TB u XDR TB*

L-għanijiet li ġejjin jirrigwardaw l-Istati Membri kollha iżda għandha tingħata attenzjoni partikolari lil dawk il-pajjiżi fejn il-problema tal-MDR TB u XDR TB hija akbar.

1. Li jsir l-aħjar użu minn, u jissaħħu s-sorveljanza u l-monitoraġġ tal-MDR TB u l-XDR TB.
2. Li b'mod speċifiku jittejbu s-servizzi tal-ittestjar tas-sensittività tal-mediċina li tingħata fil-kura tat-TB fil-kuntest tas-servizzi msaħħa li jingħataw fil-laboratorji tat-TB.
3. Li jittejbu l-kura u l-ġestjoni tal-pazjenti bl-MDR TB jew l-XDR TB, inkluż il-kontroll tal-infezzjoni u prattiċi ta' profilassi/ittraċċar tal-kuntatt.
4. Li jittejbu l-aċċess għal, u d-disponibbiltà ta', mediċini tal-ewwel u t-tieni linja, billi jiġi żgurat użu razzjonali tal-mediċini għall-kura tat-TB.

### *Qasam 6. Koinfezzjoni tat-TB/HIV*

1. Li jitnaqqas il-piż tal-koinfezzjoni tat-TB/HIV fl-UE billi tissaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn il-pjanijiet jew is-servizzi xierqa assoċjati mat-TB u l-HIV/AIDS fi ħdan is-sistema tas-saħħa.
2. Li jiġu promossi attivitajiet ta' riċerka u studji kliniċi fil-livell tal-UE relatati mal-komorbidità tat-TB/HIV.

### *Qasam 7. Għodod ġodda għall-kontroll tat-TB*

1. Li jiġu stabbiliti prijoritajiet għal riċerka bażika, applikata u operattiva fl-UE.
2. Li jiġu pprovduti l-fondi u l-koordinament.

### *Qasam 8. Bini ta' sħubija u kollaborazzjoni ma' pajjiżi*

1. Li jiġi żgurat li t-TB tibqa' fil-quċċata fuq l-aġenda politika, teknika u tar-riċerka tal-UE u tal-istituzzjonijiet pubbliċi nazzjonali, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu prijoritajiet li jikkompetu ma' xulxin għal riżorsi limitati.
2. Li tingħata għajnuna sabiex titneħħa l-istigma, tiġi żgurata osservazzjoni bikrija u rapida tat-TB, l-MDR TB u l-XDR TB u li n-nies jiġu inkoraġġiti jippreżentaw ruħhom sabiex jiġu ttrattati skont il-Karta tal-Pazjenti tat-TB għall-Kura tat-Tuberkulożi.
3. Li jiġi żgurat li t-trattament sussegwenti jkun disponibbli, aċċessibbli, bi prezz li jiflaħ għalih kulħadd, adattat u – fuq kollox – wieħed li jirnexxi.
4. Li jkomplu jiġu żviluppati l-kollaborazzjoni u l-koordinament b'mod konġunt bejn l-ECDC, il-Kummissjoni, il-pajjiżi individwali, il-WHO u partijiet oħra interessati.

## 7. Sorveljanza tal-mard li jittieħed fl-Unjoni Ewropea, strateġija fuq perjodu fit-tul: 2008-2013

(Ippubblikat f'Mejju 2008)

Din il-viżjoni u strateġija fit-tul dwar is-sorveljanza futura tal-mard li jittieħed fl-UE ġiet żviluppata biex tgħin id-deċiżjonijiet jiġu indirizzati għall-iżvilupp fit-tul tas-sistema ta' sorveljanza Ewropea. Din l-istrateġija tkopri s-snin sal-2013, li jġibha f'linja mal-pjan strateġiku multiannwali tal-ECDC (approvat mill-Bord tal-Amministrazzjoni tal-ECDC f'Ġunju 2007). Barra minn hekk, huma previsti effetti sinerġetiċi mal-istrateġija ta' laboratorju tal-ECDC.

L-istrateġija tipprova tiddefinixxi t-termini u l-ambitu tas-sorveljanza, l-għanijiet u l-miri tagħha, u l-ħtiġijiet organizzattivi tagħha. Hija tiddeskrivi wkoll modi kif jiġu appoġġjati l-Istati Membri u tippreżenta pjan għall-implimentazzjoni.

Il-mira ġenerali hija li tikkontribwixxi sabiex titnaqqas l-inċidenza u l-prevalenza tal-mard li jittieħed fl-Ewropa billi jiġu pprovduti dejta, informazzjoni u rapporti dwar is-saħħa pubblika lil dawk li jfasslu d-deċiżjonijiet, lill-

professjonisti u lill-ħaddiema fil-kura tas-saħħa fi sforz sabiex jiġu promossi azzjonijiet li jirriżultaw fil-prevenzjoni u l-kontroll f'waqthom tal-mard li jittieħed fl-Ewropa. Validità għolja u komparabilità tajba tad-dejta dwar il-mard li jittieħed huma essenzjali sabiex tintlaħaq din il-mira.

Modi aktar ikkoordinati ta' kif wieħed joqrob lejn sorveljanza:

- itejjeb il-komparabilità reġjonali tad-dejta;
- inaqqas il-kumplessità fis-sorveljanza fl-Ewropa;
- jagħmilha possibbli li s-sorveljanza tiġi indirizzata b'mod sinerġiku;
- jevita d-duplikazzjoni tax-xogħol;
- jipprovdi evidenza ta' kwalità aħjar dwar is-saħħa pubblika, bis-saħħa ta' dejta iżjed rilevanti u affidabbli;
- jagħmilha iżjed faċli sabiex jissaħħu s-sistema ta' sorveljanza nazzjonali;
- probabbilment ikun aktar effiċjenti u sostenibbli mil-lat ekonomiku;
- jippermetti aċċess u użu aktar faċli tad-dejta;
- itejjeb is-sejbien u l-monitoraġġ ta' tifqigħat internazzjonali ta' mard;
- jikkontribwixxi għall-bini tal-kapaċità; u
- jassigura l-inklużjoni tal-mard fl-aġendi tas-sorveljanza u r-riċerka skont il-prijoritajiet Ewropej.

L-ECDC qiegħed jiżviluppa sistema għas-sorveljanza ibbażata fuq indikaturi tal-mard infettiv fil-livell Ewropew, imsejħa 'Sistema Ewropea ta' Sorveljanza (TESSy)'. Is-sistema TESSy se tkun għodda siewja sabiex jitjiebu l-ġbir, il-konvalida, il-ħażna u d-disseminazzjoni tad-dejta ta' sorveljanza mill-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi taż-ŻEE. Għall-ewwel, is-sistema TESSy se tiġbor sett imnaqqas ta' varjabbli bażiċi importanti għas-sorveljanza ta' rutina ta' każijiet ta' mard infettiv. Ladarba is-sistema TESSy tkun aċċettata u użata fuq livell ġenerali bħala d-database standard reġjonali, il-miri fit-tul tal-ECDC sabiex jitnaqqsu aktar il-kumplessità u l-ammont ta' xogħol għall-parteċipanti se jkunu appoġġjati billi:

- jiġi standardizzat il-ġbir tad-dejta dwar is-sorveljanza tal-mard infettiv;
- jiġi pprovdut 'one-stop shop' għar-rappurtar u s-sejbien tad-dejta għall-Istati Membri;
- jiġu standardizzati r-rapporti bbażati fuq dejta tas-sorveljanza; u billi
- tiġi pprovduta ħarsa ġenerali konsistenti u faċilment disponibbli tas-sitwazzjoni attwali fl-UE.

Se tiġi indirizzata wkoll il-problema preżenti tar-rappurtar doppju ta' xi mard, b'diversi organizzazzjonijiet reġjonali involuti fis-sorveljanza tal-mard – bħall-WHO/Ewropa jew l-EMCDDA — bil-għan li titnaqqas u possibbilment tiġi eliminata d-duplikazzjoni tal-isforzi.

Trid tiġi stabbilita proċedura provviżorja dwar il-prinċipji ta' kollaborazzjoni dwar l-iskambju tad-dejta bejn l-ECDC u l-Istati Membri kif ukoll l-ECDC u n-Netwerks ta' Sorveljanza Dedikati (DSNs) sabiex jiġi definit b'mod ċar ir-rwol tal-fornituri tad-dejta u tal-utenti tad-dejta, kemm fl-Istati Membri kif ukoll fl-ECDC (u partijiet oħra, eż. il-WHO). Din il-proċedura provviżorja għandha tinkludi wkoll il-proċeduri għall-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-analiżi tad-dejta, fost dettalji oħra. Fuq il-bażi tal-esperjenza b'din il-proċedura provviżorja, se tiġi stabbilita proċedura finali, iżjed dettaljata, fuq perjodu iżjed fit-tul mal-partijiet interessati involuti.

Il-kollaborazzjoni futura mal-esperti speċifiċi għall-marda (nominati mill-Organi Kompetenti) se tkun strutturata b'dan il-mod: il-mard/patoġeni se jitqassmu f'sitt gruppi prinċipali. Fejn ikun meħtieġ, se jiġu stabbiliti sottogruppi iżjed iffukati (speċifiċi għall-marda) fi ħdan kull wieħed minn dawn is-sitt gruppi jew task forces. Se jkun hemm laqgħat annwali għal kull wieħed minn dawn is-sitt gruppi prinċipali fejn jiġu diskussi kwistjonijiet rilevanti mas-sorveljanza tal-grupp kollu ta' mard. Jekk ikun meħtieġ, jistgħu jiġu organizzati simposji ta' 'sessjoni parallela' aktar speċifiċi għall-marda fl-istess ħin. Se jiġi stabbilit grupp li jikkoordina għal kull wieħed mis-sitt gruppi/task forces dwar mard prinċipali, u dawn il-gruppi se jieħdu f'idejhom ħafna mill-funzjonijiet imwettqa mill-gruppi preċedenti tat-tmexxija tad-DSN.

Servizzi tajba ta' laboratorju fil-pajjiżi huma essenzjali għat-tisħiħ tas-sorveljanza fuq livell tal-UE. L-ECDC se jibni fuq ix-xogħol li diġà sar u jappoġġja t-tisħiħ tal-kapaċità tal-laboratorji fl-Istati Membri, il-pajjiżi taż-ŻEE/EFTA u l-pajjiżi kandidati f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni, l-Organi Kompetenti tal-ECDC, u l-Punti Fokali Nazzjonali dwar il-Mikrobijoloġija tal-Istati Membri.

L-ECDC se jagħmel dak kollu possibbli biex jassigura li kull pajjiż ikollu disponibbli servizzi ta' laboratorju tal-livell ta' referenza nazzjonali (NRL – national reference level), direttament jew indirettament, li jippermettu lill-pajjiżi kollha jikkonfermaw id-dijanjożi, l-iżolament u l-karatterizzazzjoni ulterjuri tal-patoġeni – bħala bażi biex jiġu rrappurtati każijiet ikkonfermati u probabbli fi żminijiet normali u f'każijiet ta' emerġenza. L-ECDC se jikkollega ma' dawn in-NRLs u jgħinhom sabiex jintegraw id-dejta tagħhom mad-dejta epidemjoloġika (u klinika) fil-livell nazzjonali. L-assigurazzjoni tal-kwalità tal-metodi ta' laboratorju hija essenzjali sabiex tiġi żgurata dejta valida u preċiża, u matul dan il-perjodu se jiġu promossi wkoll l-istandards Ewropej.

L-ECDC se jimplimenta l-istrateġija tas-sorveljanza tiegħu f'żewġ fażijiet: l-ewwel fażi hija perjodu ta' transizzjoni li se jdum sal-2010, bl-interess prinċipali tagħha jkun l-integrazzjoni gradwali tas-Sorveljanza tal-mard li jittieħed fl-

Unjoni Ewropea tad-DSNs preżenti mal-ECDC; matul it-tieni fażi (2010–2013), l-ECDC se jkun ħa r-responsabbiltà sħiħa tas-sorveljanza u għalhekk ikun jista' jiffoka fuq l-iżvilupp u l-konsolidament tas-sistemi tal-aqwa kwalità possibbli għall-Ewropa.

Sabiex din l-istrateġija u l-miri tagħha jinżammu rilevanti u aġġornati, hija se tiġi indirizzata mill-ġdid mill-Istati Membri u l-partijiet interessati prinċipali, sabiex strateġiji emerġenti u evidenza ġdida jkunu jistgħu jiġu inkorporati kif meħtieġ.

# Rapporti dwar laqgħat

## 8. Mard infettiv u determinanti soċjali

(Laqgħa li saret f'April 2007, rapport ippubblikat fi Frar 2008)

Dan ir-rapport jirreferi għal workshop dwar id-determinanti soċjali tal-mard infettiv, li tlaqqa' mill-ECDC u attendew għalih riċerkaturi mill-oqsma tal-mard infettiv u d-determinanti soċjali. L-għanijiet prinċipali tal-workshop kienu li:

- tiġi valutata l-importanza tal-inugwaljanza soċjali fil-piż tal-mard li jittieħed;
- jiġu identifikati l-aħjar prattiċi fir-rigward tal-indirizzar tal-inugwaljanzi fis-saħħa, użati fil-qasam tal-prevenzjoni u l-immaniġġjar tal-mard infettiv;
- jiġu żviluppati strateġiji u miżuri sabiex jiġu indirizzati inugwaljanzi fis-saħħa li jirriżultaw minn determinanti soċjali.

Ir-rapport jiffoka fuq it-temi prinċipali u l-oqsma ta' diskussjoni tal-workshop u huwa organizzat f'ħames taqsimiet prinċipali:

- determinanti soċjali tal-mard li jittieħed;
- kwistjonijiet speċifiċi għall-mard;
- interventi speċifiċi mmirati sabiex tingħeleb l-inugwaljanza soċjali;
- linji politiċi sabiex tingħeleb l-inugwaljanza soċjali; u
- identifikazzjoni tal-azzjonijiet ta' prijorità.

Matul il-workshop, ġie osservat li hemm differenza soċjali fil-piż tal-mard li jittieħed, li hija kbira tal-anqas daqs dik fil-mard li ma jitteħidx. Din id-differenza tista' tkun saħansitra akbar għal gruppi speċifiċi u infezzjonijiet speċifiċi. Għalkemm b'mod ġenerali huma milquta l-aktar il-gruppi emarġinati, il-gradjent soċjali ma jaffettwax l-infezzjonijiet kollha bl-istess mod: l-ogħla gruppi soċjoekonomiċi jistgħu jkunu f'riskju akbar ta' ċerti infezzjonijiet minħabba mġiba ta' riskju għoli.

Hemm bżonn ċar ta' aktar għarfien dwar il-piż tal-mard li jittieħed fl-Ewropa sabiex jiġi stabbilit x'għandhom ikunu l-prijoritajiet fil-valutazzjoni, ir-riċerka, l-interventi u l-bidliet politiċi. Dan l-eżerċizzju ta' analiżi diġà beda, pereżempju fir-rigward tat-TB.

Rakkomandazzjoni li ħarġet mill-workshop kienet li s-sorveljanza tal-mard infettiv tiġi kumplimentata b'xi kawża soċjali waħda jew tnejn. Dan jista' jipprovdi għarfien bażiku u għarfien aktar dettaljat milli jista' jinkiseb mis-sondaġġi. Jistgħu jiġu inklużi *markers* bijoloġiċi tal-mard infettiv fis-sondaġġi standard dwar is-saħħa, possibbilment fi ħdan sondaġġi Ewropej.

Konklużjoni oħra tal-workshop kienet li d-determinanti soċjali m'għadhomx fuq l-aġenda tar-riċerka. Hemm bżonn li dawn jerġgħu jiddaħħlu minħabba li hemm nuqqas ta' għarfien dwar id-determinanti li jimbuttaw l-infezzjonijiet f'reġjuni u popolazzjonijiet differenti. Parametru importanti, iżda li sikwit jiġi injorat, huwa l-kuntest li fih jgħixu u jaħdmu n-nies. Il-fatturi ta' riskju tal-mard infettiv mhumiex fatturi ta' riskju individwali, u l-aġenti patoġeni jistgħu jkunu differenti fil-gruppi soċjoekonomiċi differenti. Għandha tiġi sfruttata kemm jista' jkun id-dejta disponibbli sabiex jiġu esplorati d-determinanti soċjali tal-mard infettiv. Oqsma speċifiċi li fihom hija meħtieġa aktar riċerka huma l-immigranti, it-tnaqqis tal-istigma u l-proċessi soċjali u politiċi li jinfluwenzaw l-inugwaljanza fis-saħħa.

Talba waħda speċifika mil-laqgħa kienet *database* ta' interventi tajbin. L-iskop ta' *database* bħal din ikun li tiżgura fluss tajjeb tal-informazzjoni, speċjalment minn reġjuni li ma jippubblikawx ħafna minnha iżda li għandhom minjiera ta' esperjenza.

L-edukazzjoni dwar is-saħħa kienet ikkunsidrata prijorità għall-azzjoni politika f'żewġ modi. L-edukazzjoni dwar is-saħħa għandha tkun minn ta' quddiem nett fuq l-aġenda ta' min ifassal il-politika dwar l-edukazzjoni minn età ċkejkna 'l quddiem. Din l-edukazzjoni dwar is-saħħa għandha tinkludi perspettiva tad-determinanti soċjali tal-kwistjonijiet tas-saħħa sabiex il-ġenerazzjonijiet li ġejjin ikunu jistgħu jinfluwenzaw il-proċess politiku. It-tagħlim għandu jinkludi l-effetti tal-iżolament soċjali fuq is-saħħa, jagħti ħiliet speċifiċi sabiex jipproteġu mir-riskji għas-saħħa u jippermetti lill-individwi li jaħsbu għalihom infushom u jinfluwenza l-esponiment tagħhom għall-fatturi ta' riskju. It-tieni, jeħtieġ li jissaħħaħ it-taħriġ dwar id-determinanti soċjali fl-universitajiet tal-mediċina, ix-xogħol tal-infermiera, is-soċjoloġija, eċċ. Il-ħaddiema futuri fil-qasam tas-saħħa jeħtieġ li jiġu involuti fid-dibattitu u jippromwovu bidla fid-determinanti upstream. Il-qasam tas-saħħa pubblika għandu jikkontribwixxi għad-dibattitu dwar l-inugwaljanzi soċjali u l-effett tagħhom fuq is-saħħa.

Teżisti prijorità ċara sabiex jiġu enfasizzati d-determinanti makroekonomiċi u li ssir ħidma ma' setturi li mhumiex ġejjin mill-qasam tas-saħħa pubblika (politiku, soċjali, tal-inġinerija, eċċ). Sabiex jgħinu f'dan l-isforz ta'

promozzjoni, jeħtieġ li jiġu maħsuba u diskussi l-miri. Jistgħu jintużaw eżempji tajba mill-istorja tal-pajjiżi Ewropej kollha. L-ECDC jista' jiżvolġi rwol importanti bħala aġent ta' promozzjoni tal-importanza tal-inugwaljanza fil-kontroll tal-mard li jittieħed.

# 9. Workshop dwar it-tibdil fil-klima u l-mard infettiv

(Laqgħa li saret f'Marzu 2007, rapport ippubblikat f'Mejju 2008)

## *Għanijiet tal-laqgħa*

- eżaminar tal-evidenza relatata mal-implikazzjonijiet tat-tibdil klimatiku u ekoloġiku globali fuq il-piż tal-mard li jittieħed fl-Ewropa;
- diskussjoni dwar il-kompetenzi tas-saħħa pubblika meħtieġa sabiex jiġu indirizzati t-tibdil fil-klima u t-theddidiet tal-mard infettiv; u
- identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tar-riċerka.

## *Tibdil fil-klima*

Il-Grupp ta' Esperti Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) isostni li l-klima qiegħda tinbidel; huma mistennija temperaturi ogħla, żieda fil-livell tal-baħar u aktar avvenimenti meteoroloġiċi estremi. Dawn il-bidliet iħallu effett fuq l-ekosistema, l-ilma, l-agrikoltura, l-iżvilupp soċjoekonomiku u għaldaqstant – direttament jew indirettament – is-saħħa tal-popolazzjoni. It-tibdil fil-klima u bidliet ekoloġiċi oħra jistgħu jaffettwaw id-distribuzzjoni tal-mard infettiv b'diversi modi. Il-parteċipanti kollha qablu li l-'impenn lejn il-kompożizzjoni kostanti' – it-tip ta' bidla fil-klima li diġà impenjajna ruħna għaliha – jitlob azzjoni immedjata.

## *Theddidiet ta' mard*

Il-parteċipanti tal-laqgħa ddiskutew l-implikazzjonijiet tat-tibdil fil-klima u bidliet ambjentali oħra relatati għall-mard li jinġarr mill-vetturi (insetti), mill-annimali gerriema, mill-ilma, mill-ikel u mill-arja. Għalkemm l-evidenza hija nieqsa, il-parteċipanti waslu għall-konklużjonijiet segwenti:

- Bosta mard li jinġarr mill-vetturi u mill-annimali gerriema ġie identifikat li potenzjalment għandu l-ħila li jbiddel il-firxa tad-distribuzzjoni tiegħu fuq il-bażi tat-tibdil fil-klima (temperatura, avvenimenti meteoroloġiċi estremi, staġjonalità) u fatturi ambjentali (użu tal-art, ekosistemi, deforestazzjoni, idroloġija, dijodiversità). Dan jinkludi mard arbovirali bħad-dengue, iċ-chikungunya, id-deni tan-Nil tal-Punent, u, potenzjalment, il-malarja. Id-densità u d-distribuzzjoni tal-popolazzjoni tal-annimali gerriema wkoll hija affettwata mill-kundizzjonijiet meteoroloġiċi.
- L-Ewropa għandha tkun ippreparata għal mard importat relatat mal-ilma, bħall-kolera, tifqigħat lokalizzati minn avvenimenti ta' xita estremi, u problemi tas-saħħa assoċjati mat-tifwir ta' skart u ilma mormi. Il-bidliet li jista' jkun hemm fil-frekwenza tal-mard tad-dijarrea wkoll ġew identifikati bħala importanti. Il-gruppi li huma l-aktar f'riskju kienu jinkludu l-foqra, l-anzjani, il-persuni żgħar ħafna fl-età, il-gruppi emarġinati, il-vjaġġaturi esposti f'pajjiż ieħor, u dawk li huma immunokompromessi jew li diġà jbatu minn xi kundizzjoni medika.
- Il-mard li jinġarr fl-ikel ġie eżaminat b'rabta mat-tibdil fl-imġieba tal-bniedem u t-tibdil fil-mudelli ta' kuntatt bejn l-annimali selvaġġi u dawk domestiċi, speċjalment waqt kundizzjonijiet ta' nixfa.
- L-aggravar tal-ażma u tal-mard kroniku ostruttiv fil-pulmuni ġie identifikat bħala l-iżjed effett sinifikanti tat-tibdil fil-klima fuq is-saħħa respiratorja. Il-prevalenza għolja ta' dawn il-kundizzjonijiet kienet maħsuba li tagħmilhom indikaturi tajba sabiex jiġi ttraċċat l-impatt tat-tibdil fil-klima.

## *Kompetenzi tas-saħħa pubblika*

Fost il-parteċipanti ntlaħaq kunsens dwar il-fatt li l-ħiliet meħtieġa huma kompetenzi bażiċi tas-saħħa pubblika u jirrappreżentaw valuri li jeżistu – jew li jmisshom jeżistu – fil-pajjiżi kollha. Punti oħra li kien hemm qbil dwarhom:

- It-tisħiħ tal-kapaċitajiet sabiex jiġu indirizzati t-theddidiet ġodda ta' mard infettiv relatat mat-tibdil fil-klima jista' jitqies bħala mod kif tissaħħaħ is-saħħa pubblika b'mod aktar ġenerali. Ta' importanza partikolari kienet il-ħtieġa għall-koordinament tal-ħidma bejn is-setturi u bejn l-aġenziji.
- L-erba' oqsma ta' kompetenzi tas-saħħa pubblika li ġew indirizzati kienu s-sorveljanza, ir-riċerka, l-assigurazzjoni u l-politika. Diġà jeżistu strateġiji ta' sorveljanza għal xi problemi relatati mat-tibdil fil-klima, iżda għad hemm lakuni fil-qasam tal-mard infettiv.
- L-ewwel pass meħtieġ ikun li titwettaq valutazzjoni tar-riskji li tidentifika l-fatturi ta' riskju u l-gruppi vulnerabbli. Dan għandu jistabbilixxi s-sisien probatorju għal linji gwida kliniċi/tas-saħħa pubblika u għal rakkomandazzjonijiet politiċi.
- Il-lakuni fl-għerf entomoloġiku huma ta' ostakolu kbir. Din il-problema tista' tiġi rranġata billi t-taħriġ entomoloġiku jsir aktar intensiv.

- Hemm nuqqas ta' sistema ta' monitoraġġ komprensiva, iżda l-grupp qabel li ma kienx hemm bżonn li titwaqqaf sistema li tkopri lill-Ewropa kollha għaliex ħafna mill-mard li jista' jkun ta' theddida kien rari fil-maġġoranza tal-partijiet.
- Il-kunsens intlaħaq għal approċċ ta' 'rispons meta jkun hemm bżonn'. Dan l-approċċ jiffoka fuq il-flessibbiltà u jagħmilha possibbli li wieħed jirrispondi malajr għall-problemi hekk kif jitfaċċaw. Huwa bbażat fuq l-ipoteżi li sa issa numru ċkejken biss ta' dan il-mard infettiv — meta kkunsidrat b'rabta mat-tibdil fil-klima u kwistjonijiet ambjentali oħra — ħoloq problemi gravi.
- Hemm bżonn li titkabbar is-sensibilizzazzjoni pubblika (u forsi anki professjonali) dwar uħud mill-kwistjonijiet ġenerali bil-għan li jittejjeb il-fehim dwar xi wħud mill-bidliet imminenti.
- Il-Green Paper il-ġdida dwar it-tibdil fil-klima toffri opportunità unika sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Kummissjoni Ewropea fil-politiki dwar is-saħħa.

## Ħtiġijiet, sfidi u ostakoli tar-riċerka

Il-laqgħa identifikat varjetà ta' kwistjonijiet relatati mar-riċerka, fosthom il-ħtieġa ta' indikaturi u l-identifikazzjoni tal-gruppi vulnerabbli. Il-parteċipanti nnotaw li kien hemm differenzi ċari fil-ħiliet fl-Istati Membri differenti fir-rigward tat-twettiq ta' monitoraġġ u riċerka relatati mat-tibdil fil-klima. Huma ssuġġerew li l-użu ta' siti sentinella fil-pajjiżi kollha jista' jkun soluzzjoni rapida sabiex tinġabar dejta mill-Ewropa kollha sakemm is-sistemi kollha ta' monitoraġġ u tas-saħħa pubblika jkunu kompletament funzjonali.

Hemm bżonn ukoll ta' aċċess għal dejta fit-tul. Huwa diffiċli li torbot dik id-dejta ma' dik miġbura mis-satelliti u tasal għal konklużjonijiet siewja relatati mas-saħħa tal-bniedem. L-attribuzzjoni ta' proċessi fit-tul għat-tibdil fil-klima hija sfida oħra tar-riċerka.

## Rakkomandazzjonijiet għal azzjoni

Fil-fażi tal-iżvilupp ta' programmi ta' ħidma u politiki sussegwenti dwar is-saħħa pubblika li jiffukaw fuq it-tibdil fil-klima u l-mard infettiv, huwa meħtieġ li:

- wieħed jibni fuq inizjattivi u kapaċitajiet eżistenti;
- tiġi żviluppata kultura li fiha 'jgawdi kulħadd' relatata mal-ħidma bejn is-setturi u bejn l-aġenziji;
- jiġi rikonoxxut li partijiet differenti tar-reġjun se jesperjenzaw l-impatti tat-tibdil fil-klima b'modi differenti;
- jiġu rikonoxxuti l-kapaċitajiet differenti għar-rispons fi Stati Membri differenti;
- jiġu esplorati varjetà ta' approċċi possibbli għas-sorveljanza;
- jiġu indirizzati l-ostakoli għas-sorveljanza;
- ikun hemm kollaborazzjoni u tiġi żviluppata strateġija komprensiva għar-riskji li timmira għall-orizzont;
- jiġu faċilitati l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' programmi edukattivi professjonali; u
- jissaħħu l-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni.

# Anness: Pubblikazzjonijiet tal-ECDC fl-2008

Din il-lista tinkludi biss il-pubblikazzjonijiet uffiċjali tal-ECDC fl-2008. Madankollu, il-persunal tal-ECDC ppubblika jew ikkollabora għal bosta artikli u pubblikazzjonijiet xjentifiċi, inkluż fil-*Eurosurveillance*, li mhumiex imsemmijin hawnhekk. Id-dokumenti kollha ta' hawn isfel huma disponibbli mis-sit elettroniku tal-ECDC (http://ecdc.europa.eu).

## *Rapport tekniku*

*Mejju*

Review of Chlamydia control activities in EU countries

## *Gwida tal-ECDC*

*Jannar*

Guidance for the introduction of HPV vaccines in EU countries

*Awwissu*

Priority risk groups for influenza vaccination

## *Rapporti ta' sorveljanza*

*Diċembru*

Annual epidemiological report on communicable diseases in Europe 2008

HIV/AIDS surveillance in Europe 2007

## *Rapporti dwar il-missjonijiet*

*Awwissu*

Measles outbreak in Austria: risk assessment in advance of the EURO 2008 football championship

## *Rapporti speċjali*

*Marzu*

Framework action plan to fight tuberculosis in the European Union

*Mejju*

Surveillance of communicable diseases in the European Union. A long-term strategy: 2008–2013

*Lulju*

ECDC strategic multi-annual programme 2007–2013

## *Rapporti dwar laqgħat*

*Jannar*

Networking for public health (27–28 February 2007)

*Frar*

Consultation on vector-related risk for chikungunya virus transmission in Europe (22 October 2007)

Infectious diseases and social determinants (26–27 April 2007)

*Marzu*

Now-casting and short-term forecasting during influenza pandemics (29–30 November 2007)

Second consultation on outbreak investigation and response in the EU (15 November 2007)

Third meeting of the Chairs of Commission and Agency scientific committees/panels involved in risk assessment (6–7 November 2007)

*Mejju*

Environmental change and infectious disease (29–30 March 2007)

*Ġunju*

Training strategy for intervention epidemiology in Europe (11–12 September 2007)

*Ottubru*

Annual meeting on TB surveillance in Europe (3–4 June 2008)

HIV testing in Europe: from policies to effectiveness (21–22 January 2008)

*Diċembru*

Workshop on linking environmental and infectious diseases data (28–29 May 2008)

## Dokumenti tekniċi

*Jannar*

Core competencies for public health epidemiologists working in the area of communicable disease surveillance and response, in the European Union

## Pubblikazzjonijiet tal-ECDC

*Trimestrali (Marzu, Ġunju, Settembru, Diċembru)*

ECDC Insight

Executive science update

*Ġunju*

Annual report of the Director 2007

*Diċembru*

Keeping Europe healthy: ECDC in action

Protecting health in Europe: our vision for the future